2024/2841

14.11.2024

DIRETTIVA (UE) 2024/2841 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Ottubru 2024

li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 62, u l-Artikolu 91 u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tal-ugwaljanza u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stipulat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ([4]) (UNCRPD).

(2) Fl-Artikolu 26 tal-Karta, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-TUE u t-TFUE u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ. L-Artikolu 18 tal-UNCRPD jirrikonoxxi wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, fost oħrajn, għal-libertà ta' moviment u għal-libertà li jagħżlu r-residenza tagħhom fuq bażi ugwali mal-oħrajn.

(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu.

(5) L-Unjoni hija Parti għall- UNCRPD u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha, li huma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sa fejn hi kompetenti. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCRPD u huma marbuta minnha sa fejn huma kompetenti. Għalkemm l-Unjoni u l-Istati Membri kollha ffirmaw u rratifikaw il-UNCRPD, jeħtieġ li jsir progress fl-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità kemm fil-livell tal-Unjoni u fl-Istati Membri kollha.

(6) Il-UNCRPD tirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità jinkludu persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli ambjentali, amministrattivi, teknoloġiċi u soċjetali, jista' jirriżulta fi trattament diskriminatorju. Għaldaqstant, l-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi,

([1]) ĠU C, C/2024/1595, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1595/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/1981, 18.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1981/oj.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2024.
([4]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, l-awtonomija individwali inkluż il-libertà li wieħed jagħmel l-għażliet proprji tiegħu, u l-indipendenza tal-persuni, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tar-rispett għad-differenza u l-aċċettazzjoni ta' persuni b'diżabilità bħala parti mid-diversità umana u mill-umanità u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata ugwaljanza ta' opportunità u aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità. Il-UNCRPD tiddikjara li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal diversi forom ta' diskriminazzjoni, u tipprevedi li l-Istati Partijiet jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali minnhom tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha. Tirrikonoxxi wkoll il-kundizzjonijiet diffiċli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità li huma suġġetti għal iktar minn forma waħda ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew stat ieħor, jew għal forom aggravati ta' tali diskriminazzjoni.

(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([5]), ipproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017 (il-"Pilastru"), jipprevedi, fil-prinċipju nru 3, li kulħadd, irrispettivament, fost l-oħrajn, mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku u li għandhom jitrawmu l-opportunitajiet indaqs tal-gruppi sottorappreżentati. Barra minn hekk, il-Pilastru, fil-prinċipju nru 17, jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-għajxien b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom.

(8) L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, adottata mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021, hija maħsuba biex tindirizza d-diversi sfidi li l-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw u biex tagħmel progress fl-oqsma kollha tal-UNCRPD, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali.

(9) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għal ċerti prodotti u servizzi billi telimina u tipprevjeni l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti fl-Istati Membri, u b'hekk tikkontribwixxi għaż-żieda fid-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern, inkluż l-aċċess għal siti web u għal servizz ibbażat fuq apparat mobbli ta' ċerti servizzi pubbliċi, u li ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.

(10) Barra minn hekk, il-liġi tal-Unjoni tiggarantixxi wkoll id-drittijiet għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u drittijiet oħra. Eżempji ta' drittijiet bħal dawn jinkludu d-dritt tal-passiġġieri b'diżabilità u b'mobbiltà mnaqqsa li jirċievu assistenza, mingħajr ħlas, meta jivvjaġġaw bl-ajru, bil-ferrovija, bil-mezzi tat-trasport fuq l-ilma, jew bix-xarabank u bil-kowċ, stabbiliti rispettivament bir-Regolamenti (KE) Nru 1107/2006 ([8]), (UE) 2021/782 ([9]), (UE) Nru 1177/2010 ([10]) u (UE) Nru 181/2011 ([11]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), tippermetti wkoll lill-Istati Membri jipprevedu pedaġġi jew tariffi għall-utenti mnaqqsa għat-toroq, pontijiet jew mini soġġetti għal pedaġġ stradali, kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali pedaġġi jew tariffi għall-utenti għal kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità.

(11) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tal-Istati Membri. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' diżabilità jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti

([5]) ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.
([6]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).
([7]) Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).
([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).
([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1).
([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).
([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).
([12]) Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma jistgħu joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant. Fl-Istati Membri li ma għandhomx definizzjoni ta' status ta' diżabilità, l-intitolamenti għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità jistgħu jintużaw meta jingħataw servizzi jew benefiċċji lil persuni b'diżabilità.

(12) Il-UNCRPD tirrikonoxxi li d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali esperjenzati minn persuni b'diżabilità jirriżultaw mill-ostakli ambjentali, sistemiċi u attitudinali fis-soċjetà, aktar milli mill-indeboliment innifsu. Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità spiss jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet u ostakli speċifiċi u sinifikanti meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' moviment liberu. Dan huwa partikolarment il-każ għal soġġorni qosra jew żjarat fi Stat Membru ieħor skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]), li tipprevedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikollhom id-dritt li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur mingħajr ma jkunu soġġetti għal ebda kundizzjoni jew formalità għajr ir-rekwiżit li jkollhom karta tal-identità jew passaport validu. Għal perjodi itwal minn tliet xhur, l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva jirrikjedi li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali u, f'dak il-każ, l-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva jipprevedi li l-Istat Membru ospitanti jista' jirrikjedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni jirreġistraw mal-awtoritajiet rilevanti.

(13) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mil-liġi jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom id-diżabilità tagħhom ivvalutata u rikonoxxuta formalment mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom, jew deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

(14) Sabiex jiġi promoss il-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fi programm ta' mobbiltà tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi żgurat aċċess ugwali kontinwu għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jew għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ permezz tal-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għad-durata ta' dak il-programm. Il-programmi ta' mobbiltà tal-Unjoni jinkludu programmi stabbiliti mill-Unjoni biex jappoġġaw il-mobbiltà ta' persuni għal perjodu fiss lejn Stat Membru ieħor għal finijiet edukattivi, ta' taħriġ, professjonali, ċiviċi jew kulturali, bħall-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew Erasmus+, stabbiliti, rispettivament, bir-Regolamenti (UE) 2021/888 ([14]) u (UE) 2021/817 ([15]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(15) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut jew b'intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, meta jivvjaġġaw lejn, jew iżuru għal perjodu qasir ta' żmien, Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn jirrisjedu, jiltaqgħu regolarment ma' diffikultajiet u ostakli sinifikanti fejn l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru fejn jivvjaġġaw jew li jżuru u fejn ma jkollhomx ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut hemmhekk. Il-persuni b'diżabilità mhux viżibbli, b'mod partikolari, spiss jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jintalbu jagħtu prova tad-diżabilità tagħhom waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor.

(16) Il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ sinifikanti meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabilità kif ukoll persuni b'diżabilità li jkollhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fl-Istat Membru fejn jivvjaġġaw jew iżuru.

([13]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

(17) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk jew sa liema punt l-istatus tad-diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dak l-istatus jew l-intitolament ser jiġu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor joħloq inċertezza sinifikanti għall-persuni b'diżabilità. Id-disponibbiltà limitata ta' informazzjoni online dwar id-drittijiet speċifiċi tagħhom u l-vantaġġi disponibbli għalihom taggrava dik il-problema. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu u ta' parteċipazzjoni u inklużjoni sħaħ u effettivi fis-soċjetà.

(18) Iċ-ċittadini tal-Unjoni esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku tad-diżabilità madwar l-Unjoni f'għadd ta' petizzjonijiet mibgħuta lill-Parlament Ewropew u talbu l-introduzzjoni ta' kard tad-diżabilità għall-Unjoni kollha.

(19) Flimkien ma' diversi ostakli fiżiċi, soċjali u oħrajn viżibbli u inviżibbli għall-aċċess għal spazji u servizzi pubbliċi u privati u n-nuqqas ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kost għoli huwa fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw. Il-persuni b'diżabilità għandhom ħtiġijiet speċifiċi li jirriżultaw fi spejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità tagħhom u li jistgħu jirrikjedu l-użu ta' persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inkluż dawk rikonoxxuti bħala assistenti personali f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, jew ta' interpreti tal-lingwa tas-sinjali jew annimali ta' assistenza, li jagħmlu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom ogħla minn dawk ta' persuni mingħajr diżabilità. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità jew ta' intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fi Stati Membri oħra jista' jillimita l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jew għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, bħal aċċess mingħajr ħlas jew tariffi mnaqqsa, postijiet bilqiegħda prijoritarji fuq it-trasport pubbliku jew spazji ta' parkeġġ riżervati, u jkollu impatt fuq l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-ħajja, l-integrazzjoni soċjali u ekonomika u l-awtonomija personali tagħhom. Barra minn hekk, in-nuqqas mifrux ta' għarfien tal-politiki ta' aċċessibbiltà psikosoċjali, konjittiva, fiżika jew sensorjali jista' jirriżulta f'imġiba diskriminatorja lejn persuni b'diżabilità.

(20) It-trattament preferenzjali, bħall-assistenza personali, l-aċċess prijoritarju jew il-possibbiltà li jiġu maqbuża l-kjuwijiet, kemm jekk offruti bi ħlas kif ukoll jekk le, spiss huwa importanti sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi, attivitajiet u faċilitajiet u jibbenefikaw bis-sħiħ minnhom. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku, fl-Istat Membru li huma jivvjaġġaw lejh jew li jżuru, tal-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu l-istatus jew l-intitolament tagħhom maħruġa fi Stati Membri oħra, il-persuni b'diżabilità jistgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali jew mit-trattament preferenzjali offruti minn awtoritajiet pubbliċi jew operaturi privati f'dak l-Istat Membru għal detenturi ta' ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew mill-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità maħruġa f'dak l-Istat Membru.

(21) Filwaqt li huwa volontarju fin-natura u limitat fl-ambitu, il-Proġett Pilota dwar il-Kard tal-UE tad-Diżabilità, imniedi fl-2016 u li twettaq fi tmien Stati Membri, wera li l-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità bejn l-Istati Membri ipprovdiet vantaġġi għall-persuni b'diżabilità fl-aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward tas-servizzi fl-oqsma tal-kultura, id-divertiment, l-isport u, f'xi każijiet, it-trasport, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-Unjoni għal perjodu qasir, u wera li l-objettivi tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità għadhom rilevanti għall-ħtiġijiet attwali tal-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, dak il-Proġett Pilota inkluda eżempji oħra ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità.

(22) Abbażi tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għall-ħruġ ta' kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità li tirrikonoxxi d-dritt għal ċerti kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità. Kull Stat Membru għandu fis-seħħ proċedura ta' applikazzjoni, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, biex tinkiseb kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, jew il-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-assistenti personali, u kriterji li jridu jiġu ssodisfati sabiex ikunu eliġibbli.

(23) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE ([16]) tipprovdi mudell Ewropew ta' kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, li jiffaċilita r-rikonoxximent ta' tali kards għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Madankollu, minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħha, l-implimentazzjoni ta' dik ir-Rakkomandazzjoni u l-inklużjoni ta' żidiet jew

([16]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25).

devjazzjonijiet nazzjonali speċifiċi mill-mudell rakkomandat wasslu għal varjetà ta' kards għall-parkeġġ differenti għall-persuni b'diżabilità. Tali varjetà tfixkel ir-rikonoxximent transfruntier ta' dawk il-kards għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri, u xxekkel l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ speċifiċi pprovduti u l-faċilitajiet riżervati għad-detenturi ta' kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, dik ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qegħdin isiru bħalissa. L-Istati Membri esperjenzaw ukoll problemi ta' frodi u falsifikazzjoni fir-rigward tal-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, peress li l-format normalment huwa pjuttost sempliċi u faċilment falsifikat u, fil-prattika, differenti f'kull Stat Membru, li jagħmilha diffiċli li jiġu vverifikati. Fid-dawl ta' din id-Direttiva, li tipprevedi regoli legalment vinkolanti li huma aktar dettaljati f'dan il-qasam, ir-Rakkomandazzjoni 98/376/KE m'għadhiex tilħaq l-objettivi tagħha. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu li l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri li jittrasponu din id-Direttiva f'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni jkollhom l-istess effett bħall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fit-territorju tagħhom.

(24) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali relatat ma' servizzi inkluż is-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, attivitajiet u faċilitajiet ukoll fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas fi Stati Membri għajr dak fejn jirrisjedu, l-ostakli u d-diffikultajiet li jifdal fl-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew biex issir żjara fih minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu dak l-istatus jew intitolament maħruġa fi Stati Membri oħra u d-drittijiet tal-parkeġġ jenħtieġ li jitneħħew.

(25) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità tad-drittijiet ta' aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali offruti minn awtoritajiet pubbliċi jew operaturi privati meta jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor għal soġġorn qasir mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fuq l-istess bażi bħall-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tal-mezzi kollha tat-trasport u li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità fuq l-istess bażi bħal f'dak l-Istat Membru, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità, bħala prova ta' status ta' diżabilità rikonoxxut jew ta' intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għal persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut jew intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità għal perjodi itwal minn soġġorn qasir.

(26) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jenħtieġ li jiffaċilita u jiggarantixxi lill-persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut, jew intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fi Stat Membru, aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn awtoritajiet pubbliċi jew operaturi privati f'varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità u, fejn applikabbli, għal persuni li jakkumpanjawhom jew jassistuhom inkluż assistenti personali, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali ta' diżabilità, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus tad-diżabilità, fejn jeżistu tali dokumenti formali, u l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-istat Membru ospitanti.

(27) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ, is-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inkluż attivitajiet li ma jkunux offruti bi ħlas, mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-operaturi privati, jew fuq bażi obbligatorja abbażi ta' regoli nazzjonali jew lokali jew obbligi legali, jew fuq bażi volontarja b'mod partikolari minn operaturi privati, f'varjetà ta' oqsma ta' politika, bħall-kultura, id-divertiment, it-turiżmu, l-isport, it-trasport pubbliku u privat, u t-taħriġ.

(28) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, pedaġġi jew tariffi għall-utenti mnaqqsa għal toroq, pontijiet jew mini soġġetti għal pedaġġ stradali, aċċess prijoritarju, aċċess għal żoni ta' traffiku ristrett u żoni pedonali, postijiet bilqiegħda prijoritarji fuq it-trasport pubbliku, postijiet bilqiegħda dežinjati u aċċessibbli fuq it-trasport pubbliku, f'parks u żoni pubbliċi oħra, postijiet bilqiegħda aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, annimali ta' assistenza bħall-klieb gwida jew il-klieb ta' assistenza għal persuni b'diżabilità, fosthom persuni b'indeboliment tal-vista, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo jew interpretar bil-lingwa tas-sinjali, għota ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, u l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti

mingħajr ma jingħataw multa. Eżempji ta' kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ bla ħlas jew estiż jew spazji ta' parkeġġ riżervati, kif ukoll aċċess għal żoni fejn it-traffiku huwa ristrett għal vetturi speċifiċi f'konformità mal-liġi nazzjonali, bħal żoni b'emissjonijiet baxxi. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bil-ferrovija, fuq l-ilma, jew bix-xarabank u bil-kowċ, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, l-annimali ta' assistenza bħal klieb ta' gwida jew klieb ta' assistenza għal persuni b'diżabilità inkluż persuni b'indeboliment tal-vista, assistenti personali, interpreti tal-lingwa tas-sinjali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jassistu lill-persuni b'diżabilità jew b'mobilità mnaqqsa jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew bi prezz irħas u jpoġġu, fejn ikun possibbli, ħdejn il-persuna b'diżabilità li jkunu qed jakkumpanjaw jew jassistu. Il-persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu persuni b'diżabilità jiġu nnominati mill-persuni b'diżabilità nnifishom jew mill-kustodji legali tagħhom u jistgħu jinbidlu fuq bażi ad hoc skont ir-rekwiżiti tal-persuni b'diżabilità.

(29) L-assistenti personali jakkumpanjaw jew jassistu lill-persuni b'diżabilità jew iwettqu attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, jekk ikun hemm bżonn fil-qafas ta' relazzjoni kuntrattwali, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, bl-objettiv li jinkoraġġixxu l-awtonomija personali, jiffaċilitaw il-ħajja tal-komunità u jippromwovu l-għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li l-assistenti personali, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ikunu jistgħu jakkumpanjaw jew jassistu lill-persuni b'diżabilità bl-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru għajr dak li tiegħu jkunu residenti, dment li jgawdu d-dritt li jiċċaqilqu madwar l-Unjoni skont il-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli.

(30) F'konformità mal-liġi tal-Unjoni rilevanti, fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri jipprovdu, skont ir-Regolamenti (UE) Nru 181/2011 u (UE) Nru 1177/2010, jew jagħmlu disponibbli fuq talba, skont ir-Regolament (UE) 2021/782, informazzjoni ċara lill-vjaġġaturi li jkollhom Kard Ewropea tad-Diżabilità meta jixtru biljett tal-ivvjaġġar fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċjali jew tat-trattament preferenzjali li japplikaw għall-partijiet differenti tal-operazzjonijiet matul il-vjaġġ, sabiex jiġi evitat li l-vjaġġaturi li jkollhom il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jsibu ruħhom mingħajr dokument tal-ivvjaġġar validu meta jidħlu fi Stat Membru ieħor fuq l-istess servizz tat-trasport.

(31) Il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità fi Stat Membru għandu jiġi ddeterminat minn din id-Direttiva flimkien mar-regoli, il-proċeduri u l-kompetenzi applikabbli ta' dak l-Istat Membru għall-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, u d-drittijiet tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità. Meta l-Istati Membri joħorġu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità direttament, jenħtieġ li jfittxu l-kunsens tal-persuna kkonċernata. Il-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jenħtieġ li jkunu mingħajr ħlas, filwaqt li l-ħruġ mill-ġdid ta' dik il-kard, f'każ ta' telf jew ħsara, jista' jkun soġġett għal tariffa. Il-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jistgħu jkunu jew mingħajr ħlas jew soġġetti għal tariffa. It-tariffi possibbli imposti għall-ħruġ mill-ġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fil-każ ta' telf jew ħsara jew għall-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jenħtieġ li la jaqbżu l-kostijiet amministrattivi kkonċernati u lanqas ma jiġu stabbiliti f'livell sabiex jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lill-persuni b'diżabilità milli jakkwistaw jew jerġgħu jakkwistaw dawk il-kards.

(32) Minbarra l-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu verżjoni diġitali tal-kard u jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprevedu verżjoni diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, wara li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ġew stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li tali speċifikazzjonijiet jibnu fuq l-esperjenza tal-ħidma fil-passat u li għaddejja fil-livell tal-Unjoni dwar id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u tad-dokumenti, bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-Unjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) u jenħtieġ li jippermettu l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità permezz ta' kartiera tal-identità diġitali fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabilità jiġu infurmati dwar dawk il-possibilitajiet u jkunu liberi jiddeċiedu li jużaw jew il-verżjoni fiżika jew dik diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, jew it-tnejn li huma. Fl-Istati Membri fejn il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità tkun ikkomplementata minn verżjoni diġitali, jenħtieġ li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jitolbu l-verżjoni fiżika tal-kard u, jekk ikunu jixtiequ, kemm il-verżjoni tal-kard diġitali kif ukoll dik fiżika.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1).

(33) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, inkluż b'mod partikolari d-data dwar l-istatus ta' diżabilità tad-detentur tal-kard, li tikkostitwixxi data dwar is-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) u hija kategorija speċjali ta' data personali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva għandu jikkonforma mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679. Meta jittrasponu din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkludi salvagwardji xierqa applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali, b'mod partikolari kategoriji speċjali ta' data personali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll is-sigurtà, l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva.

(34) L-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkun dak fejn il-persuna hija abitwalment residenti f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u fejn tirċievi l-evalwazzjoni ta' status ta' diżabilità jew intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità. Id-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw tali kard matul iż-żjara tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

(35) Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità huma maħsuba biex jiffaċilitaw għall-persuni kollha b'diżabilità l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tagħhom għall-moviment liberu bis-sħiħ u wkoll it-tgawdija ta' aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jew għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet offruti mill-Istati Membri, inkluż fejn ma jkunux offruti bi ħlas. Dan huwa partikolarment il-każ għal persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' xogħol jew taħriġ.

(36) Il-qafas previst għar-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità ma jaffettwax il-kompetenzi ta' Stat Membru li jivvaluta u jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità jew li joffri kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali bħal aċċess liberu għal ċerti servizzi jew tariffi mnaqqsa għal ċerti servizzi għall-persuni b'diżabilità, inkluż dawk li jagħmlu użu minn annimali ta' assistenza, jew persuni li jakkumpanjaw jew jassistu persuni b'diżabilità inkluż assistenti personali. Dan la jimponi obbligu fuq l-awtoritajiet pubbliċi jew l-operaturi privati biex jintroduċu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità, u lanqas ma joħloq lista ċentralizzata tal-Unjoni ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità madwar l-Istati Membri. L-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati jistgħu joffru ċerti kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali biss lil grupp speċifiku ta' persuni b'diżabilità, skont il-ħtiġijiet ta' dak il-grupp speċifiku.

(37) Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tista' tkun meħtieġa bħala prova tal-istatus ta' diżabilità sabiex ikun hemm aċċess b'termini u kundizzjonijiet ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż fejn ma jkunux offruti bi ħlas, offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità jew persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, fosthom l-assistenti personali tagħhom, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova tad-diżabilità sabiex jiġi aċċessat jew eżerċitat kwalunkwe dritt previst f'liġi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż dawk li joffru benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Meta jkun meħtieġ ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa bħala prova tad-diżabilità sakemm Stat Membru ma jiddeċidix li jgħaqqad iċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor nazzjonali għall-persuni b'diżabilità mal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

(38) Din id-Direttiva ma tapplikax għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 ([19]) u (KE) Nru 987/2009 ([20]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, benefiċċji speċjali kontributorji jew mhux kontributorji fi flus jew benefiċċji in natura fil-qasam tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni soċjali jew l-impjiegi, jew assistenza soċjali koperta mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE. Peress li l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiffaċilita l-aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn Stat

([18]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([19]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

([20]) Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

Membru ieħor jew iżuru Stat Membru ieħor għal soġġorn qasir, din id-Direttiva ma tapplikax ukoll għal servizzi bi ħlas jew bla ħlas li jiġu pprovduti għall-inklużjoni, l-abilitazzjoni jew ir-riabilitazzjoni fit-tul ta' persuni b'diżabilità, jew għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-aċċess għal servizzi offruti lil persuni b'diżabilità b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet individwali tagħhom u ħekk kif jiġu ssodisfati kriterji addizzjonali, abbażi ta' evalwazzjoni individwali jew deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, li huma differenti mis-servizzi pprovduti lil persuni b'diżabilità li ma jissodisfawx tali kriterji addizzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tintużax biex teskludi kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali diġà offrut lil persuni b'diżabilità mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi tagħmilhom soġġetti għall-issodisfar ta' kriterji addizzjonali.

(39) Sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni u jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali waqt l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew waqt żjara fih, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattika, u l-proċeduri applikabbli biex tinkiseb il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku mill-Istati Membri f'dokument ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882, inkluż il-lingwa tas-sinjali, il-braille, il-formati ta' assistenza u l-awdjo/karatteristiċi awdjo. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għan li jiżguraw li tali informazzjoni ma taqbiżx il-livell ta' kumplessità tal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

(40) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi paġna web dedikata tal-Unjoni. Jenħtieġ li dik il-paġna web tal-Unjoni jkun fiha ħolqa għas-sit web nazzjonali ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li l-paġna web tal-Unjoni tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali u bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll f'formati aċċessibbli u faċli biex jinqraw, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. Jenħtieġ li l-informazzjoni fuq dik il-paġna web tinftiehem faċilment, mingħajr ma taqbeż il-livell ta' kumplessità tal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

(41) Minħabba nuqqas ta' ftehim, ostakli għall-komunikazzjoni jew nuqqas ta' għarfien, il-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari dawk b'diżabilità inviżibbli, mhux dejjem jirċievu l-aktar appoġġ u akkomodazzjoni xierqa għad-diżabilità tagħhom, inkluż meta jivvjaġġaw bit-trasport pubbliku jew meta jittrattaw ma' awtoritajiet nazzjonali, jew waqt emerġenzi. Sabiex jinċentivaw lill-fornituri tas-servizzi u jiffaċilitaw l-aċċess tal-persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar l-eżistenza u l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati u jenħtieġ li jħeġġuhom joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lill-persuni b'diżabilità fuq bażi volontarja. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-operaturi privati permezz ta', per eżempju, l-għoti ta' informazzjoni dwar kundizzjonijiet speċjali possibbli jew trattament preferenzjali li għandu jiġi offrut kif ukoll l-għoti ta' taħriġ ta' sensibilizzazzjoni għad-diżabilità sabiex jiġu żgurati r-rilevanza, l-effettività u l-inklużività ta' kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut. Jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu li jiżviluppaw, jimplimentaw u jevalwaw kwalunkwe miżura bħal din f'konsultazzjoni mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

(42) Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jew kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ lil persuni b'diżabilità jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli, inkluż permezz tas-siti web uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew mezzi adatti oħra, f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 inkluż il-lingwa tas-sinjali, il-braille, il-formati ta' assistenza u l-awdjo/karatteristiċi awdjo. Jenħtieġ li l-operaturi privati li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jew kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ lil persuni b'diżabilità jiġu mħeġġa wkoll jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku f'formati ċari, komprensivi, faċli għall-utent u aċċessibbli.

(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jieħdu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi fir-rigward tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġġieldu b'mod attiv il-ħruġ frawdolenti, l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni ta' dawk il-kards. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar każijiet bħal dawn biex jiżguraw fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri peress li r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità huwa l-pedament tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda għall-prevenzjoni tar-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li ma twassalx għall-istigmatizzaz-

zjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonsultaw mal-persuni b'diżabilità u mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(44) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-karatteristiċi diġitali għall-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità sabiex tipprevjeni u tiġġieled il-frodi, u billi timmodifika l-oqsma tad-data tal-format standardizzat ta' dawk il-kards kif stipulat f'din id-Direttiva meta tali modifiki jkunu meħtieġa sabiex il-format jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi, biex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, biex jiġu indirizzati l-abbuż jew l-użu ħażin jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-verżjoni diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, u l-verżjoni diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jikkomplementaw il-verżjoni fiżika tagħha b'waħda diġitali, kif ukoll fir-rigward tal-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-elementi ta' sigurtà u dawk diġitali, kif ukoll il-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, tal-verżjoni fiżika tal-kards. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]).

(46) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fit-tħejjija ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta wkoll lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fejn tali atti jkunu ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

(47) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u l-infurzar tagħha u jenħtieġ li jistabbilixxu rimedji xierqa, inkluż verifiki dwar il-konformità u proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji, biex jiggarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż assistenti personali, kif ukoll korpi pubbliċi, bħal korpi tal-ugwaljanza, assoċjazzjonijiet privati, organizzazzjonijiet, b'mod partikolari organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità, jew entitajiet ġuridiċi oħra li għandhom interess leġittimu li jiżguraw li din id-Direttiva tiġi rispettata, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem jew b'appoġġ għal persuna b'diżabilità, bl-approvazzjoni tagħha, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawk il-mezzi jqisu l-Artikolu 13 tal-UNCRPD u l-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli definit fl-Artikolu 2 tal-UNCRPD.

(48) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u d-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jew nuqqas ta' konformità magħhom. Jenħtieġ li l-miżuri xierqa jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jistgħu jinkludu sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji, bħal twissijiet, multi jew il-ħlas ta' kumpens adegwat, kif ukoll tipi oħra ta' penali.

(49) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta u mill-UNCRPD. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u professjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta.

(50) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jissaħħaħ l-eżerċizzju tad-drittijiet għal-libertà tal-moviment ta' persuni b'diżabilità u li jittejbu l-possibbiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor, u b'hekk tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontrihom, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tinkisbu dawk l-objettivi,

([21]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([22]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità lil persuni b'diżabilità bħala prova ta' status ta' diżabilità jew prova tal-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, bl-għan li tiġi promossa l-libertà tal-moviment għall-persuni b'diżabilità u jiġu ffaċilitati soġġorni qosra ta' persuni b'diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma residenti, billi jingħataw aċċess ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas, offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, inkluż dawk li jużaw annimali ta' assistenza, u, fejn applikabbli, persuni li jakkumpanjaw jew jassistu lil persuni b'diżabilità, inkluż l-assistenti personali tagħhom;

(b) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità bħala prova tad-dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, bl-għan li tiġi promossa l-libertà tal-moviment għall-persuni b'diżabilità u li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b'diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu jkunu residenti, billi jingħataw aċċess ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni u faċilità tal-parkeġġ offruti lill-persuni b'diżabilità,jew riżervati għalihom f'dak l-Istat Membru u, fejn applikabbli, lill-persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu lill-persuni b'diżabilità, fosthom l-assistenti personali tagħhom;

(c) mudelli komuni għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ u għas-sitwazzjonijiet kollha fejn jiġu offruti kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali minn awtoritajiet pubbliċi jew operaturi privati lil persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet li ġejjin, fil-kuntest ta' soġġorn qasir:

(a) servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 57 TFUE;

(b) servizzi tat-trasport tal-passiġġieri;

(c) attivitajiet u faċilitajiet oħra, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva għal perjodi itwal minn soġġorn qasir għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fi programm ta' mobbiltà tal-Unjoni, għad-durata ta' dak il-programm.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw din id-Direttiva għal perjodi itwal minn soġġorn qasir għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità li jżuru jew joqogħdu fit-territorju tagħhom.

3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) benefiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009;

(b) benefiċċji speċjali kontributorji jew mhux kontributorji fi flus kontanti jew benefiċċji in natura fil-qasam tas-sigurtà soċjali, tal-protezzjoni soċjali jew tal-impjieg;

(c) assistenza soċjali koperta mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE;

(d) servizzi remunerati jew mhux remunerati li huma pprovduti għall-inklużjoni, l-abilitazzjoni jew ir-riabilitazzjoni fit-tul ta' persuni b'diżabilità;

(e) kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-aċċess għal servizzi offruti lil persuni b'diżabilità b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet individwali tagħhom u meta jiġu ssodisfati kriterji addizzjonali, abbażi ta' evalwazzjoni individwali jew ta' deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi.

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, jew għall-għoti tad-dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità. Ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li joħorġu, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità, inkluż deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.

5. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jagħtu, jew li jirrikjedu li jingħataw, benefiċċji speċifiċi jew kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, bħal aċċess mingħajr ħlas jew tariffi mnaqqsa għall-persuni b'diżabilità, inkluż dawk li jagħmlu użu minn annimali ta' assistenza, u għal persuna jew persuni li jakkumpanjaw jew jassistu lil persuni b'diżabilità, inkluż l-assistent jew l-assistenti personali tagħhom.

6. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li l-persuni b'diżabilità jew il-persuna jew il-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-assistent jew l-assistenti personali jew l-annimali ta' assistenza tagħhom, jista' jkollhom b'riżultat ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali li timplimenta l-liġi tal-Unjoni, inkluż drittijiet li joffru benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali. Kard Ewropea tad-Diżabilità ma għandhiex tkun meħtieġa bħala prova tad-diżabilità sabiex jiġu aċċessati jew eżerċitati d-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu li għalihom jista' jkun meħtieġ ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, sakemm l-Istat Membru rilevanti ma jiddeċidix li jgħaqqad iċ-ċertifikat nazzjonali tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità mal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadin tal-Unjoni" tfisser persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru;

(2) "membru tal-familja" tfisser membru tal-familja kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva 2004/38/KE jew skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva, irrispettivament miċ-ċittadinanza tiegħu, ta' ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu;

(3) "persuni b'diżabilità" tfisser persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxu ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor;

(4) "assistent personali" tfisser persuna li tkun qed takkumpanja jew li tassisti lil persuna b'diżabilità u li hija rikonoxxuta bħala tali f'konformità mal-liġi jew il-prattiki nazzjonali;

(5) "kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali" tfisser kwalunkwe kundizzjoni speċifika, inkluż dawk relatati mal-kundizzjonijiet finanzjarji, jew kwalunkwe trattament differenzjat relatat mal-assistenza u l-appoġġ offruti lill-persuni b'diżabilità jew, fejn applikabbli, lill-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-assistenti personali, jew lill-annimali ta' assistenza, irrispettivament minn jekk ikunux offruti fuq bażi volontarja jew imposti abbażi ta' obbligu legali;

(6) "kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ" tfisser spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità jew, fejn applikabbli, għall-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inkluż assistenti personali, esklużivament jew b'mod ġenerali, kif ukoll kwalunkwe benefiċċju tal-parkeġġ jew kundizzjonijiet preferenzjali assoċjati offruti lil persuni b'diżabilità, irrispettivament minn jekk ikunux offruti fuq bażi volontarja jew imposti abbażi ta' obbligu legali;

(7) "soġġorn qasir" tfisser żjara jew soġġorn fi Stat Membru ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur;

(8) "annimal ta' assistenza" tfisser annimal li jipprovdi assistenza jew iwettaq kompiti għall-benefiċċju ta' persuna b'diżabilità f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

Artikolu 4

Benefiċjarji

Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(a) ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja li l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, inkluż permezz ta' ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor maħruġ skont il-kompetenzi, il-prattika u l-proċeduri nazzjonali, li jistgħu jkunu akkumpanjati jew assistiti minn persuna waħda jew, fejn meħtieġ, aktar minn persuna waħda oħra, inkluż assistent personali jew assistenti personali, jew minn annimali ta' assistenza, li jistgħu jiġu indikati bl-ittra "A" fuq il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tagħhom;

(b) ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità jkunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, inkluż permezz ta' kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattika u l-proċeduri nazzjonali, li jistgħu jkunu akkumpanjati jew assistiti minn persuna waħda jew, fejn meħtieġ, aktar minn persuna waħda oħra inkluż assistent personali jew assistenti personali.

Fir-rigward tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu, l-ittra "A" tista' tiżdied ukoll fuq il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għal persuni b'diżabilità bi ħtieġa akbar għal appoġġ, f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali.

Artikolu 5

Aċċess ugwali tal-persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità f'dak l-Istat Membru, fejn tali dokumenti formali jkunu jeżistu, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fejn il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmi fil-paragrafu 1 jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għal persuna jew persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu persuni b'diżabilità, inkluż assistent personali jew assistenti personali, jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali ta' assistenza, dawk il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jiġu offruti b'termini u kundizzjonijiet ugwali lil persuna jew persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu lid-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, inkluż assistent personali jew assistenti personali, jew lil annimali ta' assistenza.

Artikolu 6

Aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa f'dak l-Istat Membru.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fejn il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għal persuna jew persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu lill-persuni b'diżabilità, inkluż assistent personali jew assistenti personali, dawk il-kundizzjonijiet favorevoli jiġu offruti b'termini u kundizzjonijiet ugwali lil persuna jew persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu lil detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, inkluż assistent personali jew assistenti personali.

KAPITOLU II

KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ U KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Artikolu 7

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat u aċċessibbli komuni stipulat fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-verżjoni fiżika tal-kard kodiċi QR u kwalunkwe karatteristika diġitali oħra li tuża mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi kif stabbilit fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7, il-punt (a), fi żmien raġonevoli wara l-adozzjoni tagħhom u mhux aktar tard mill-5 ta' Ġunju 2028.

2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

3. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattika nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva. L-awtorità jew il-korp kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandhom jitqiesu bħala l-kontrollur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-forniturі tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi fir-rigward tad-data personali.

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità jew minn persuna awtorizzata, skont il-liġi nazzjonali. Il-persuni b'diżabilità għandhom jkunu infurmati dwar il-possibbiltà li japplikaw għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fejn ma tinħariġx direttament. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded mingħajr ħlas lill-benefiċjarju, fl-istess perjodu kif applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew dokumenti formali oħra jew għal proċedura li tirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jitolbu tariffa għall-kostijiet relatati mal-ħruġ mill-ġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fil-każ ta' telf jew ħsara. Meta tiġi imposta tali tariffa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffa ma taqbiżx il-kostijiet amministrattivi kkonċernati jew tipprevjeni jew tiskoraġġixxi lill-persuni b'diżabilità milli jitolbu l-ħruġ mill-ġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala verżjoni fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn verżjoni diġitali aċċessibbli fi żmien raġonevoli wara li l-Kummissjoni tkun stabbiliet l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 9(2). Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jitolbu l-verżjoni fiżika tal-kard, il-verżjoni diġitali jew it-tnejn li huma. Il-verżjoni diġitali ma għandux ikun fiha aktar data personali minn dik prevista għall-verżjoni fiżika kif stipulat fl-Anness I. Id-data personali li tinsab f'dik il-verżjoni diġitali għandha tkun kriptata u għandhom jittieħdu prekawzjonijiet tekniċi biex jiġi żgurat li l-mezz ta' ħżin jinqara biss minn utenti awtorizzati.

6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tiġi ddeterminata mill-Istat Membru emittenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità jkollha l-itwal validità possibbli b'kont meħud, fejn applikabbli, tat-tul ta' żmien tal-validità taċ-ċertifikat ta' diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor jew it-tul ta' żmien tal-proċedura li tirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi maħruġa mill-awtorità jew korp kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza ta' persuna b'diżabilità.

7. Sal-5 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi:

(a) tistabbilixxi l-kodiċi QR u, jekk xieraq, karatteristiċi diġitali oħra tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jużaw mezzi elettroniċi għall-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi; u

(b) tistabbilixxi karatteristiċi diġitali li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, inkluż il-miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-Unjoni għall-qari ta' data li tinsab f'karatteristiċi diġitali fil-verżjoni fiżika tal-kard li jużaw mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni tal-frodi u l-ġlieda kontriha.

8. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda din id-Direttiva billi timmodifika l-oqsma tad-data tal-format standardizzat għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità li jinsab fl-Anness I fejn tali modifiki jkunu meħtieġa biex tadatta l-format għal żviluppi tekniċi, biex tipprevjeni l-falsifikazzjoni u l-frodi, biex tindirizza l-abbuż jew l-użu ħażin jew biex tiżgura l-interoperabbiltà. F'dawk l-atti delegati, l-Istati Membri għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw it-tali modifiki.

Artikolu 8

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità skont il-format standardizzat u aċċessibbli komuni li jinsab fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-verżjoni fiżika tal-kard kodiċi QR u kwalunkwe karatteristika diġitali oħra li tuża mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi kif stabbilit fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7, il-punt (a), fi żmien raġonevoli wara l-adozzjoni tagħhom u mhux aktar tard mill-5 ta' Ġunju 2028.

2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

3. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattika nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva. L-awtorità jew il-korp kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għandu jitqies li jkun il-kontrollur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollu r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-forniturі tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi fir-rigward tad-data personali.

4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità jew minn persuna awtorizzata, skont il-liġi nazzjonali. Għandha tinħareġ jew tiġġedded fi żmien raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni, li ma għandux jaqbeż id-90 jum, sakemm ma jkunx għaddejjin evalwazzjonijiet meħtieġa. L-Istati Membri jistgħu joħorġu u jġeddu l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità mingħajr ħlas jew jimponu tariffa għall-kostijiet relatati mal-ħruġ u t-tiġdid tagħha. Meta tiġi imposta tali tariffa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffa ma taqbiżx il-kostijiet amministrattivi kkonċernati jew tipprevjeni jew tiskoraġġixxi lill-persuni b'diżabilità milli jitolbu l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ eżistenti kollha għall-persuni b'diżabilità maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 98/376/KE fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fuq talba tal-benefiċjarju għall-ħruġ tagħha, u fi kwalunkwe każ sal-5 ta' Diċembru 2029. Sa dik id-data, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa qabel il-5 ta' Ġunju 2028 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 98/376/KE jkollhom l-istess effett fit-territorju tagħhom bħall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala verżjoni fiżika. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkomplementaw il-verżjoni fiżika tal-kard b'verżjoni diġitali wara li l-Kummissjoni tkun stabbiliet l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 9(2). Fl-Istati Membri fejn il-verżjoni fiżika tal-kard tkun ikkomplementata minn verżjoni diġitali, il-persuni b'diżabilità jistgħu jitolbu l-kard fil-verżjoni fiżika, u jekk jixtiequ, kemm fil-verżjoni fiżika kif ukoll f'dik diġitali. Il-verżjoni diġitali ma għandux ikun fiha aktar data personali minn dik prevista għall-verżjoni fiżika kif stabbilit fl-Anness II. Id-data personali li tinsab f'dik il-verżjoni diġitali għandha tkun kriptata u għandhom jittieħdu prekawzjonijiet tekniċi biex jiġi żgurat li l-mezz tal-ħżin jinqara biss minn utenti awtorizzati.

7. Sal-5 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi:

(a) tistabbilixxi l-kodiċi QR u, jekk xieraq, karatteristiċi diġitali oħra tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jużaw mezzi elettroniċi għall-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi; u

(b) tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, inkluż il-miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-Unjoni għall-qari ta' data li tinsab f'karatteristiċi diġitali fil-verżjoni fiżika tal-kard li jużaw mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni tal-frodi u l-ġlieda kontriha.

8. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda din id-Direttiva billi timmodifika l-oqsma tad-data tal-format standardizzat għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità li jinsab fl-Anness II fejn tali modifiki jkunu meħtieġa biex tadatta l-format għal żviluppi tekniċi, tipprevjeni l-falsifikazzjoni u l-frodi, biex tindirizza l-abbuż jew l-użu ħażin jew biex tiżgura l-interoperabbiltà. F'dawk l-atti delegati, l-Istati Membri għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw it-tali modifiki.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 9

Verżjonijiet diġitali u speċifikazzjonijiet tekniċi komuni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-verżjonijiet diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bl-oqsma tad-data li jinsabu fl-Annessi I u II rispettivament, u biex tiżgura l-interoperabbiltà.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni rigward il-mezz ta' ħżin tal-verżjoni diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabiltà għal kwistjonijiet bħall-verifika tal-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u n-numru tas-serje jew tal-fajl tagħhom, għall-kontroll tal-awtenticità tagħhom, għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni u l-frodi, għall-qari ta' dawk il-kards bejn l-Istati Membri, u għall-użu tagħhom f'kartiera tal-identità diġitali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

4. Qabel ma tadotta l-att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif ukoll mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([23]).

Artikolu 10

Sorveljanza u konformità

1. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni u frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv il-ħruġ frawdolenti. l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

2. Fil-każ li Stat Membru jiltaqa' ma' każijiet serji jew sistematiċi ta' abbuż fit-territorju tiegħu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa minn Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jinforma b'dan lill-Istat Membru emittenti. L-Istat Membru emittenti għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew prattiki nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward ta' dawk il-kards.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu, kif xieraq, kontrolli dwar il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Kard tal-UE tad-Diżabilità jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u mad-drittijiet korrispondenti tal-persuni b'diżabilità li jkollhom dawk il-kards, inkluż fir-rigward ta' annimali ta' assistenza u ta' persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu persuni b'diżabilità, inkluż l-assistenti personali tagħhom.

([23]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 11

L-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattika u l-proċeduri għall-ħruġ, it-tiġdid u l-irtirar ta' Kard tal-UE tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali u faċli biex jinqraw, u fuq talba fil-formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet għall-kisba, l-użu jew it-tiġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni għandha twettaq kampanja tal-Unjoni ta' sensibilizzazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u għandha tippromwovi kontinwament is-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex iqajmu kuxjenza fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati dwar l-eżistenza u l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u jħeġġu lil tali awtoritajiet u operaturi joffru b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, u kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ lill-persuni b'diżabilità f'firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet oħra.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi kif stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882, inkluż permezz tas-siti web uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi, jew b'mezzi xierqa oħra.

Artikolu 12

Awtoritajiet jew korpi kompetenti, u punti ta' kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità jew korp kompetenti wieħed jew aktar responsabbli għall-ħruġ, it-tiġdid u l-irtirar tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar sabiex jiffaċilitaw id-djalogu bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva. Sal-5 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom.

Artikolu 13

Organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsultazzjoni attiva u l-involviment tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

KAPITOLU IV

SETGĦAT DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(7) u (8) u fl-Artikolu 8(7) u (8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-4 ta' Diċembru 2024. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7(7) u (8) u fl-Artikolu 8(7) u (8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif ukoll mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(7) jew (8) jew l-Artikolu 8(7) jew (8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 16

Infurzar u rimedji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u l-infurzar tagħha.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, il-persuni b'diżabilità, jew ir-rappreżentanti magħżula minnhom u li jaġixxu f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom jew tal-kustodju legali tagħhom, ikunu jistgħu jappellaw kontra deċiżjoni tal-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti rigward il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità;

(b) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità jistgħu jieħdu azzjoni skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi jew id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva u fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva;

(c) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom wieħed jew aktar mill-korpi li ġejjin, kif iddeterminat mil-liġi nazzjonali, jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem persuni b'diżabilità jew b'appoġġ għal persuni b'diżabilità filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tagħhom, u bl-approvazzjoni tagħhom, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva:

(i) korpi pubbliċi;

(ii) assoċjazzjonijiet privati, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li għandhom interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità ma' din id-Direttiva, bħal organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità.

Artikolu 17

Nuqqas ta' konformità u penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri xierqa, bħal penali, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, li japplikaw għall-awtoritajiet jew korpi pubbliċi jew operaturi privati għan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati.

2. Il-miżuri previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jkunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju effettiva.

Artikolu 18

Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali jew dwar il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ li joffru lill-persuni b'diżabilità skont l-Artikoli 5 u 6 disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tas-siti web tagħhom fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra.

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sit web nazzjonali li jkun fih informazzjoni ġenerali dwar l-objettiv u l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, inkluż, fejn xieraq, referenzi għall-awtoritajiet jew għall-korpi kompetenti responsabbli għall-ħruġ, għat-tiġdid u għall-irtirar ta' dawk il-kards. Dak is-sit web għandu jinkludi wkoll informazzjoni ġenerali disponibbli dwar kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut mill-awtoritajiet pubbliċi għall-persuni b'diżabilità u jidderieġi lill-utenti biex iżuru siti web speċifiċi tal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti għal informazzjoni aktar speċifika. Dak is-sit web jista' jkun fih ukoll tali informazzjoni minn operaturi privati fil-livell nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu wkoll lill-operaturi privati biex jagħmlu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali u dwar il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ li joffru skont l-Artikoli 5 u 6 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, permezz tas-siti web uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi jew tal-operaturi privati fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

4. F'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, fejn applikabbli, l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri għandhom jiżguraw li tiġi offruta jew tkun disponibbli informazzjoni ċara għall-passiġġieri li jkollhom Kard Ewropea tad-Diżabilità dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali applikabbli f'partijiet differenti tal-vjaġġ tagħhom.

Artikolu 19

Paġna web tal-Unjoni

1. Sal-5 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi paġna web tal-Unjoni ddedikata għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità. Dik il-paġna web tal-Unjoni għandu jkun fiha ħolqa għas-siti web nazzjonali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1).

2. Il-paġna web tal-Unjoni għandha tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali u bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll f'formati aċċessibbli u faċli biex jinqraw, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. L-informazzjoni fuq il-paġna web tal-Unjoni għandha tkun tinftiehem faċilment, mingħajr ma taqbeż il- livell ta' kumplessità tal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 20

Rappurtar u evalwazzjoni

1. Sal-5 ta' Ġunju 2031, u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza, fost l-oħrajn, fid-dawl tal-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, teknoloġiċi u żviluppi rilevanti oħra, l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-impatt ta' kwalunkwe tariffa, sa liema punt l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva laħqet l-objettivi tagħha u l-interazzjoni tagħha ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata.

Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll analiżi ta' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonali, li hija mifhuma bħala diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta' diżabilità u kwalunkwe raġuni oħra protetta skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE ([24]), 2000/43/KE ([25]), 2000/78/KE ([26]) jew 2004/113/KE ([27]), b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità.

3. Sal-5 ta' Ġunju 2029, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni dwar kwalunkwe lakuna li jifdal relatata mal-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-eżitu ta' dik l-evalwazzjoni meta tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni biex tindirizza kwalunkwe tali lakuni.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u fi żmien xieraq, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tfassal ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

5. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jqis il-fehmiet tal-persuni b'diżabilità, tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, u tal-partijiet ekonomiċi kkonċernati.

Artikolu 21

Traspożizzjoni

1. Sal-5 ta' Ġunju 2027, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-5 ta' Ġunju 2028.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([24]) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24).

([25]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

([26]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

([27]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

Artikolu 23

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-23 ta' Ottubru 2024.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	ZSIGMOND B. P.

ANNESS I

FORMAT GĦALL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ

Test tan-NAĦA TA' QUDDIEM: "European Disability Card" bl-Ingliż u b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti.



IN-NAĦA TA' WARA: Informazzjoni li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar ta' dak l-Istat Membru.



1. Id-daqs tal-Kard għandu jkun f'konformità mal-format ID-1 stabbilit mill-ISO/IEC 7810.

2. Il-kard għandu jkollha:

   — ritratt tad-detentur tal-kard,

   — il-kunjom u l-isem tad-detentur tal-kard,

   — id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard,

   — in-numru tas-serje jew tal-fajl tal-kard.

3. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu skur u blu ċar, f'konformità mal-istampa f'dan l-Anness u għandhom jintużaw ir-referenzi li ġejjin:

   — blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0,

     RGB 0, 68, 148,

   — blu ċar: CMYK 94, 63, 7, 1,

     RGB 0, 110, 183.

4. Il-kard għandha tindika d-dati tal-ħruġ u tal-iskadenza tagħha.

5. Il-kard għandu jkun fiha kodiċi tal-pajjiż imdawwar 'biċ-ċirku ta' 12-il stilla li jissimbolizza l-Unjoni.

6. It-tipa użata għandha tkun Arial Regular jew, fejn mhux possibbli, tipa sans serif oħra. Għandu jkun hemm biżżejjed kuntrast bejn il-kulur fuq quddiem u dak fl-isfond.

7. Il-kliem "European Disability Card" bl-Ingliż u 'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti għandu jintwera bl-użu tat-tipa Arial Regular, u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg.

8. L-ittra fakultattiva "A" (b'tipa stampata u bil-braille) tista' tiżdied meta l-kard tintitola lill-persuna b'diżabilità li tkun akkumpanjata minn assistent personali wieħed jew aktar jew persuni oħra li jakkumpanjawha jew li jassistuha rikonoxxuti skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, jew minn annimali ta' assistenza. L-ittra "A" tista' tiżdied ukoll għal persuni b'diżabilità bi ħtieġa akbar għal appoġġ, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.

9. Kodiċi QR, u karatteristiċi diġitali oħra possibbli li jużaw mezzi elettroniċi biex jipprevjenu l-frodi, għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(7), il-punt (a). Il-karatteristiċi diġitali fil-verżjoni fiżika tal-kard jista' jkun fihom aktar data personali minn dawk previsti fil-verżjoni fiżika kif stabbilit f'dan l-Anness. Madankollu, l-aċċess għal tali data għandu jkun limitat għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri emittenti u għall-utenti awtorizzati biss. L-ipproċessar ta' tali data personali għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679.

10. L-entrati għandhom jintwerew bl-Ingliż u b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti. Jekk Stat Membru jixtieq juri entrati b'lingwa li mhijiex il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż jew l-Iżvediż, huwa għandu jagħmel dan mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Meta Stat Membru jagħmel entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni tal-kard li tuża karattri Latini.


ANNESS II

FORMAT GĦALL-KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

IN-NAĦA TA' QUDDIEM



IN-NAĦA TA' WARA



1. Id-daqs tal-kard għandu jkun:

— għoli: 106 mm,

— wisa': 148 mm.

2. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu skur u isfar, f'konformità mal-istampi f'dan l-Anness u għandhom jintużaw ir-referenzi li ġejjin:

— blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0,

RGB 0, 68, 148,

— isfar: CMYK 94, 63, 7, 1,

RGB 255, 237, 0.

3. Il-kard għandha tinqasam vertikalment f'żewġ partijiet kemm fin-naħa ta' quddiem kif ukoll fin-naħa ta'wara.

(a) Il-parti tax-xellug tan-naħa ta' quddiem għandu jkun fiha:

— is-simbolu tal-utent tas-siġġu tar-roti bi blu skur fuq sfond isfar,

— id-dati tal-ħruġ u tal-iskadenza tal-kard,

— in-numru tas-serje tal-kard,

— l-isem tal-awtorità jew l-organizzazzjoni tal-ħruġ,

— jekk il-kard hija assoċjata ma' vettura u l-Istat Membru jeħtieġ hekk, in-numru tal-pjanċa; għall-Istati Membri li ma jeħtiġux li jiġi indikat in-numru tal-pjanċa, il-kard ma għandux ikun fiha l-qasam tad-data rilevanti.

(b) Il-parti tal-lemin tan-naħa ta' quddiem għandu jkun fiha:

— il-kliem "European Parking Card for persons with disabilities" bl-Ingliż u b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti b'ittri kbar, u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg,

— bħala sfond, il-kodiċi ta' distinzjoni tal-Istat Membru emittenti mdawwar biċ-ċirku ta' 12-il stilla li jissimbolizza l-Unjoni,

— kodiċi QR, u karatteristiċi diġitali oħra possibbli li jużaw mezzi elettroniċi biex jipprevjenu l-frodi, għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(7), il-punt (a).

Il-karatteristiċi diġitali fil-verżjoni fiżika tal-kard jista' jkun fihom aktar data personali miid-data prevista fil-verżjoni fiżika kif stabbilit f'dan l-Anness. Madankollu, l-aċċess għal tali data għandu jkun limitat għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri emittenti u għall-utenti awtorizzati biss. L-ipproċessar ta' tali data personali għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679.

(c) Il-parti tax-xellug tan-naħa ta' wara għandu jkun fiha:

— il-kunjom u l-isem tad-detentur tal-kard,

— id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard.

(d) Il-parti tal-lemin tan-naħa ta' wara għandu jkun fiha bl-Ingliż u b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti:

— id-dikjarazzjoni "Din il-kard tintitola lid-detentur għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ lokali u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat",

— id-dikjarazzjoni "Meta tintuża, il-kard għandha titpoġġa fejn tidher fuq quddiem tal-vettura b'tali mod li l-parti ta' quddiem tal-kard tkun viżibbli b'mod ċar għall-finijiet ta' ċċekkjar".

4. L-entrati għandhom jintwerew bl-Ingliż u b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti. Jekk Stat Membru jixtieq juri l-entrati b'lingwa li mhijiex il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż jew l-Iżvediż, huwa għandu jagħmel dan mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Meta Stat Membru jagħmel entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni tal-kard li tuża karattri Latini.